TARXIEN
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 24/2026**

Data: It-Tlieta, 24 ta' Frar 2026

Ħin: 18:00

Bdiet: 18:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsilliera | Skużata |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | Skużat |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**24.1 Ittri ta' apoloġija**

24.1.1 Is-Sindku talab li is-Sur Glenn Urry u s-Sa. Anabelle Marmara jkunu skużati mil-laqgħa. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Neil Portelli kien hemm qbil li dawn jiġu niżla bħala skużati.

**24.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 21**

24.2.1 Fuq proposta tas-Sindku issekondata mis-Sur Dasier Damato Minuti tal-Laqgħa Nu 21 ġew approvati kif imresqa.

**24.3 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 22**

24.2.1 Fuq proposta tas-Sindku issekondata mis-Sa. Darlene Vella Minuti tal-Laqgħa Nu 22 ġew approvati kif imresqa.

**24.4 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 23**

24.2.1 Fuq proposta tas-Sindku issekondata mis-Sur Dasier Damato Minuti tal-Laqgħa Nu 23 ġew approvati kif imresqa.

**24.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni tar-rapport Finanzjarju għar-Raba' Kwart tas-Sena 2025**

24.2.1 Il-Viċi Sindku flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżentaw ir-rapport kif ukoll inqrat l-overview tar-rapport. Spjegaw li l-Kunsill kien għalaq is-sena b' surplus ta' €6,000.

24.2.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku ssekondata mis-Sa. Nicole Farrugia, ir-rapport kien approvat kif preżentat.

**24.3 Punti li joħorġu mill-Minuti**

24.3.1 Is-Sindku semma li, bi preparazzjoni għall-pubblikazzjoni tar-**rivista tal-Kunsill**, is-Sur Dasier ser ikun qed jieħu ħsieb l-intervisti. Huwa jista' wkoll jagħmel xi intervisti relatati mal-Ġimgħa l-Kbira.

Is-Sa. Darlene Vella ser tieħu ħsieb idaħħal il-lista tal-korsijiet li ser ikunu pprovduti.

24.3.2 Is-Sindku informa li se ssir laqgħa mad-**Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi** fil-ġimgħa tas-27 ta' Frar, bil-għan li tingħata direzzjoni 'l quddiem fir-rigward tal-proġett kopert taħt il-framework agreement, relatat mal-bankini fl-inħawi ta' Joanne Gardens.

24.3.3 Is-Sindku informa li s-servizz ta' **shuttle service** qed jopera b'mod tajjeb u, sa issa, ma jidhrux li hemm ilmenti.

24.3.4 Is-Sindku informa li saret komunikazzjoni ma' Transport Malta, fejn ġie indikat li ż-**zebra crossing** quddiem il-garage fi Triq Dejma għandha tiġi mċaqalqa aktar 'l isfel.

24.3.5 Is-Sindku informa li r-rotta tas-**shuttle service** ser tiġi riveduta minn Transport Malta, bil-għan li ma tibqax tgħaddi mill-pjazza.

24.3.6 Is-Sindku informa li l-**parata tal-Karnival** saret u, għal darb'oħra, kienet suċċess kbir. Is-Sindku xtaq jikkjarifika li, fid-dawl ta' xi ilmenti mill-Kunsill Lokali ta' Paola dwar l-istedina lit-tfal tal-Iskola

Primarja ta' Paola għall-parata, dan qed isir peress li madwar nofs l-istudenti li jattendu din l-iskola huma residenti Tarxiniżi.

24.3.7 Is-Sindku informa li għadhom qed jistennew risposta minn entità pubblika rigward il-fondi għall-**monument ta' Renzo Gauci**, filwaqt li ġie indikat li dan ser ikun imfassal bl-istess stil tal-bust ta' Mark Farrugia.

24.3.8 Is-Sindku informa li fil-**Ġnien 2000** ser isiru installazzjonijiet ta' CCTV, kif ukoll ser jiġi ingaġġat electrical engineer sabiex jassisti fil-proċess.

24.3.9 Is-Sindku informa li saret talba minn ħanut kummerċjali sabiex issir unloading bay ġewwa Triq San Anard.

24.3.10 ~~Il-President~~ Is-Sindku semma li l-kxif tal-monument ta' **Mark Farrugia** sar u kien ta' suċċess. Is-Sindku rringrazzja lill-preżentatur li ta s-sehem tiegħu.

24.3.11 ~~Il-President~~ Is-Sindku informa li t-tinda f'Ġnien Penza ser titneħħa, li ġie kkommissjonat engineer, u li hemm il-ħtieġa li jinxtraw bankijiet ġodda.

24.3.12 Is-Sa. Darlene Vella informat li saru diskussjonijiet ma' Prof. Piscopo u li qed tikkordina mal-għalliema sabiex jiġi organizzat il-kors.

**24.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Skeda ta' Pagamenti Nu 20**

24.6.1 Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Darlene Vella u s-Sur Neil Portelli, ġiet approvata skeda tal-pagamenti għall-perjodu bejn is-26 ta' Jannar 2026 u l-24 ta' Frar 2026, li kienet tammonta għal €64,098.19.

**24.7 Komunikazzjoni mis-Sindku**

24.7.1 Is-Sindku informa li fi Triq Kelinu Cachia saret talba sabiex tinqala' siġra li tinsab fil-periferija tat-triq, minħabba li hemm sit ta' kostruzzjoni skedat li jibda warajha. Din it-talba ġiet ippreżentata minn resident tal-inħawi.

24.7.2 Is-Sindku informa li fi Triq Betta tressqet talba għall-installazzjoni ta' bollards. Huwa enfasizza li l-Kunsill qatt ma approva bollards quddiem garaxxijiet privati. Għaldaqstant, ippropona li tali talbiet ma jiġux approvati, u l-Kunsill laħaq qbil unanimu.

24.7.3 Is-Sindku informa li fi Triq Ġorġ Caruana ser isir friskar tas-sinjali tat-traffiku u tal-parkeġġ.

24.7.4 Is-Sindku semma li kien hemm proposta minn resident sabiex kull sena ssir esebizzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, Sanctae Crucis, u li l-Kunsill jassisti billi jipprovdi 100 siġġu u anke 2 wardens. Il-Kunsill approva din it-talba.

TARXIEN
Local Council

24.7.5 Is-Sindku informa li fi Triq Ġużeppi Montebello s-Sur Neil Portelli ser jikkonsulta ma' Transport Malta sabiex jiġi evalwat jekk it-triq tistax tiġi regolata bħala one-way. Is-Sindku informa li, fir-rigward ta' Triq San Xmun u Triq il-Witja, tressqu wkoll talbiet minn residenti, li ser jiġu riferuti lil Transport Malta għall-kunsiderazzjoni.

24.7.6 Fir-rigward ta' Triq San Tumas, il-proposta dwar id-dawl dekorattiv preżentata mill-Enġinier ġiet ippreżentata mis-Sindku approvata b' mod unanimu. Dokument anness mal-Minuti u mmarkat Dok A.

24.7.7 Is-Sindku semma li kien hemm reviżjoni fir-rata tal-ħlas tal-librar minn Malta Libraries u li din żdiedet għal €11.20 fis-seigħa.

24.7.8 Is-Sindku informa li l-kandidat li kien ġie kklassifikat fl-ewwel post għall-pożizzjoni fi Skala 16 kien qed jipposponi l-bidu tal-impjieg. Għaldaqstant, il-Kunsill iddeċieda li jikkunsidra applikanti oħra li kienu għaddew mill-intervista.

24.7.9 Is-Sindku semma li, wara li ntbagħtet talba għal rendikont lill-Planning Fund, il-Kunsill sa Ottubru 2025 kellu akkumulat €958,155.76, li parti minn dawn il-fondi ser jintużaw għal Misraħ Buleben u Ġnien Ovindoli.

**24.9 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

24.9.1 Is-Sur Dasier Damato informa li ser jevalwa kif tiġi organizzata attività għat-tfal fl-okkażjoni tal-Għid il-Kbir, inkluża l-possibbiltà ta' Easter Egg Hunt bejn il-11 u t-12 ta' April.

Is-Sindku rrefera wkoll għall-possibbiltà li jiġi organizzat fun park. Barra minn hekk, ippropona li jinxtraw figolli żgħar bl-emblema tal-Kunsill sabiex jitqassmu lit-tfal tal-iskola.

24.9.2 Is-Sa. Darlene Vella informat li rċeviet proposta mingħand TCTC sabiex jiġi organizzat summer camp għat-tfal bejn 8 u 12-il sena. Il-proposta tipprevedi li l-Kunsill jipprovdi s-sala u jassisti fil-promozzjoni, bi spiża ta' €2000 għal massimu ta' 50 parteċipant. Din il-proposta għadha taħt diskussjoni.

24.9.3 Is-Sa. Darlene Vella informat li qed tikkunsidra kif jiġu organizzati lezzjonijiet tal-għawm għat-tfal bejn it-3 u s-7 snin, bħala miżura ta' prevenzjoni sabiex jitnaqqsu l-inċidenti u jitrawmu ħiliet ta' għawm minn età żgħira.

24.9.4 Is-Sur Dasier Damato informa li ser jorganizza laqgħa ma' NGO li toffri tagħlim tar-roti lit-tfal u ż-żgħażagħ, darba fil-ġimgħa għal perjodu ta' 10 ġimgħat. Huwa indika wkoll li ser jippreżenta proposta finanzjarja fil-laqgħa li jmiss.

24.9.5 Is-Sur Dasier Damato informa li ser jiltaqa' ma' instructor bil-għan li jibdew jiġu organizzati sessjonijiet ta' attività fiżika fl-open gym għat-tfal bejn 8 u 15-il sena.

24.9.6 Is-Sur Neil Portelli informa li qed jiltaqa' mal-Perit bil-għan li tiġi emendata l-pjanta tal-central strip quddiem il-Kunsill. Huwa indika li ser jippreżenta pjanta aġġornata hekk kif din titlesta mill-Perit.

24.9.7 Is-Sindku informa li nhar is-6 ta' Marzu ser jiġi organizzat business breakfast fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara. Fost il-kelliema ser ikun hemm nisa li qed jagħtu kontribut sinifikanti fis-soċjetà, kif ukoll fi ħdan għaqdiet u NGOs. Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil li din l-attività tittella' fis-sala tal-Każin Maria Annunzjata, peress li l-ispazju fis-swali l-oħra huwa limitat, kif ukoll minħabba l-fatt li s-sala ser tingħata għall-użu tal-Kunsill mingħajr ħlas.

24.9.8 Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva notifika dwar seduta ta' smigħ quddiem it-Tribunal tal-Awtorità tal-Ippjanar fir-rigward tal-applikazzjoni PA/04508/18, relatata ma' art magħrufa bħala Tal-Andar.

**24.6 Aġġornament**

24.6.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata fis-seba' u nofs ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tlieta, 18 ta' Marzu 2026 fil-17:30 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| **Joseph Abela Galea** | **Lianne Cassar** |
| **Sindku** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |